MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru. 288/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**YVETTE BONNICI**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Yvette Bonnici** li giet akkuzata talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Gunju, 2006, f'dawn il-Gzejjer, f'San Pawl il-Bahar, b'xi hin bejn nofsinhar u s-sitta ta' fil-ghaxija, ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rudolph Bonnici skond ma ccertifikah Dr A Fiorini MD Reg No 1453 tal-Poliklinika tar-Rahal Gdid.

Rat l-interrogatorju fejn l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Rat ukoll li ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-Avukat Generali kien prezenta l-kunsens tieghu ghall-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt mill-ezami ta’ l-atti ma ngabet lanqas prova li hi prova wahda li tista’ b’xi mod timplika lill-imputata fir-reati lilha addebitati – in vista’ ta’ hekk din il-Qorti qieghda tilliberaha mil-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------